## It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

# "STATU QUO"

## Il-Kwistjoni Tiegħu Fil-Palestina

(*Jaqbad mal-għadd ta' qabel, faċċ.* 51)

### *V. IS-SAĦNA, IL-QILLA U L-KRIŻI TAL-KWISTJONI.*

Bit-tfixkil u bit-tħaqqiq kollu tagħhom, il-Biżantini, kif ġa konna għedna qabel, ma kienu għamlu ebda rebħ fuq dawk it-tliet Santwarji Mqaddsa. Iżda t-tislit kollu tagħhom għal xi ħaġa kien swielhom: kienu tgħallmu għall-inqas liema kienu dawk il-ħwejjeġ, jew dawk in-nuqqasijiet li kienu qegħdin ifixkluhom biex, bis-sewwa jew bid-dnewwa, ikunu jistgħu jiksbu taħt idejhom dawk is-Santwarji; b'hekk ukoll huma waslu jifhmu tajjeb liema triq għandhom jaqbdu biex jaslu żgur biex iwettqu l-ħsieb tal-għan tagħhom. U għalhekk it-triq li qabdu kienet din: minn flok li joqogħdu jħaqquha mal-Irħieb Franġiskani f'Ġerusalemm, iqanqlu l-kwistjoni fil-Qorti Imperjali ta' Kostantinopli, fejn il-ħbieb żgur ma jonqsuhomx u jaħdmu minn taħt il-taħt u bis-skiet żgur ħadd ma jkun jista' jtellifhom li ma jaslux għal fehmethom.

Hu ta' min jifhem hawnhekk, li ma' tul is-seklu XVII it-Turkija kienet immexxija minn Slaten ta' drawwiet, kemm jista' jkun baxxi, ħajjena u kiefra, li kienu jerħu l-qadi tal-ħaqq f'idejn nies ta' ftit u xejn rieda tajba. Is-setgħa pulitka wkoll kienet f'idejn Ministri kapriċċużi ġejjin kollha mill-ġidd tal-familja Kupruly, li kienu jinħatru wieħed wara l-ieħor, u jindaħlu f'kollox dejjem kif iridu u kif jogħġobhom; u ma' dawn żid ukoll avukati u fissiera tal-liġijiet Griegi ta' setgħa qawwija, fosthom dawk tal-familji Panajotti u ta' Mawrocordatos, li bihom il-Gvern kien jinqeda biex jaqta' u jħoll kull kwistjoni reliġjuża kif kien jogħġob lilhom u dejjem kif kien jaqbel lilhom.

F'dak iż-żmien inzerta wkoll kien hemm f'Ġerusalemm il-Patrijarka Teofanu, bniedem qalil u ta' rasu iebsa. Dan fettillu li b'mod jew b'ieħor għandu jasal u jseħħlu jaqlibha lill-Irħieb Franġiskani. X'għamel il-ħali? ! Fittex li jinqeda b'ċertu Girgor, li kien l-Arċidjaknu tal-Knisja tiegħu, bniedem ta' ħafna ħila u li jħobb jindaħal f'kull għawġ. Dan Girgor kien għaraf sewwa li ma jistax ikun li jaslu għall-għan tagħhom jekk qabel xejn ma jiksbux xi titlu storiku aktar qadim minn dak tal-Franġiskani u li bih jkunu jistgħu jersqu quddiem il-Qorti ta' Konstantinopli. U x'wasal jagħmel dan il-mingħul ta' arċidjaknu? Ħaseb joħloq wieħed qarrieq u jersaq bih quddiem il-Qorti jitlob il-jeddijiet tal-Griegi sħabu fuq is-Santwarji.

U hekk għamel il-ħali ta' Girgor l-arċidjaknu. Mar f'Kostantinopli u, mgħejjun mill-Patrijarka ta' dik il-Belt, Ċirillu Lukaris, u minn oħrajn ta' dik il-Qorti, l-iżjed mis-Sultana Omm Kiossen, li kienet griega miċħuda, u mbagħad b'għotjiet ta' flus 'l hawn u 'l hemm, fl-1638, seta' jikseb *firman* (degriet) bid-data qarrieqa taż-żmien ta' Omar (638), li dan il-

firman kien jagħtih il-proprijeta' u s-setgħa fuq it-tliet Santwarji, li huma l-Għar tat-Twelid f'Betlem, l-Għolja tal-Kalvarju u l-Lapida tad-Dlik fil-Bażilika tal-Qabar ta' Ġesù.

It-telfa ta' dawn it-tliet Santwarji qajmet id-dinja u l-Ewropa għadbet bis-sħiħ, hekk li l-Papa Urbanu VIII, malli sar jaf b'dil-ħaġa dlonk għarraf lid-Doġi ta' Venezja, lis-Sultan ta' Franza u lis-Slaten u l-Prinċpijiet l-oħra ta' l-Ewropa sabiex jindaħlu huma u jħaqquha mal-Qorti tat-Turkija.

għand il-Prokuratur ta' l-Art Imqaddsa, għand l-Ambaxxaturi ta' Venezja, ta' Franza u ta' l-Awstrija, u stqarr u kixef dak il-qerq kollu li kien għamel biex kiseb dak il-firman qarrieqi li bih il-Griegi setgħu jaħtfu dawk it-tliet Santwarji minn idejn il-Franġiskani.

Din l-istqarrija flimkien mal-protesti li kienu tressqu mill-Ewropa ġagħlu lill-Qorti tat-Turkija f'Konstantinopli biex treġġa' lura dak il-firman, bħala qarrieqi, li kien mogħti lill-Griegi u minn floku, fl-1635, ixxandar firman



*Prelati Orjentali* (*Riti*).

Iżda Alla kien mas-sewwa, u hawn ġrat ħaġa li tassew ħadd ma kien jistennieha jew joħlomha. Dak Girgor l-arċidjaknu, li kien għadu f'Ġerusalemm kellu xi jgħid mal-Patrijarka u mnigges fi ħsusu fuq l-għelt li kien għamel, f'saħħa ta' demmu mar

ieħor favur tal-Franġiskani, b'amar li jerġgħu jitraddu lilhom it-tliet Santwarji.

Ir-radd ta' dawn is-Santwarji u r-rebħa ta' din il-kwistjoni kien ta' serħan għall-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa u għall-Ewropa nisranija.

Kien wieħed jifhem u jistenna li, wara qerq hekk magħruf u mxandar mill-istess Qorti tat-Turkija, ma jerġa' qatt jiġi mtenni qerq bħal dak ta' l-1633 u li l-Irhieb Franġiskani jkunu jistgħu joqogħdu b'rashom mistrieħa la darba l-Qorti kienet għarfet hekk il-proprijeta' u l-użu tagħhom leġittmi fuq is-Santwarji Imqaddsa. Iżda, kemm tqarraq bik id-dinja! Biż-żejjed li wieħed jagħraf, li dan il-pass ma kellux ikun ħlief l-ewwel wieħed ta' qerq ta' sensiela twila twila ta' tqarriq, ta' tgħallit u ta' l-akbar inġustizzji kontra il-Latini.

U tabilħaqq, il-Kleru Grieg, imċekken bil-mistħija minn dik it-telfa u mistmerr minn kulħadd għall-qerq li nkixiflu, minn flok li qata' qalbu, fittex li jhejji ruħu aħjar biex jilgħabha mill-ġdid lil-Latini. U kif u b'liema mod fehem jagħmel dan? Il-Kleru Grieg kien jaf sewwa r-regħba kbira tal-gvern Tork u kien jaf ukoll kemm seta' jinqeda sewwa b'ħafna Griegi li kienu fil-gvern: rama ruħu għalhekk b'ħafna flus u ħoloq kemm kalunnji seta' kontra l-Franġiskani, u b'hekk fl-1637 waslu li jkollhom firman ieħor li mill-ġdid raġa' tahom il-proprijeta' fuq is-Santwarji ta' Ġerusalemm u ta' Betlem.

Għal dan l-għamil fażżi kontra l-jeddijiet tal-Latini fuq is-Santwarji Mqaddsa dlonk qabżet is-"Santa Sede", li ħeġġet kemm setgħet lis-slaten ta' l-Oċċident sabiex jidħru huma, bħalma dejjem, quddiem il-Gvern Tork. Iżda, din id-darba, Venezja, l-Awstrija u l-Polonja kienu fi gwerra mat-Turkija u, għalkemm għamlu protesti u urew l-istmerrija tagħhom, mat-Turkija ma setgħu jagħmlu xejn biex ixejnu bħal qabel is-siwi ta' dak il-firman.

Għalhekk, għal aktar minn nofs seklu, biċċa sewwa mis-Santwarji Mqaddsa baqgħet f'idejn il-Griegi Xismatiċi, mifrudin mill-Knisja ta' Ruma. Il-ħedma iebsa ta' nies diplomatiċi, magħrufin għall-għerf u għall-onesta' tagħhom, ix-xogħol bla hedu li bih il-Papiet ta' Ruma fehmu li jrossu biex tiġi maqtugħa bis-sewwa u bil-ħaqq il-kwistjoni, il-Kapitulazzjonijiet tal- 5 ta' Ġunju 1673 miftehmin bejn Lwiġi XIV u Mawmettu IV, ma swew għal xejn. Il-Kleru Grieg, mgħejjun kif kien mill-Gran Viżir u minn Ministri oħra u minn interpreti griegi, kien wisq qawwi u setgħan.

It-tfixkil, imbagħad, żied aktar jikber għal-Latini bil-ħedma tal-ġdid Patrijarka ta' Ġerusalemm, Diżitew (1641-1707), li dan kien qisu dejjem f'Konstantinopli jħawwad kemm jaf u jista' fil-Qorti Torka, u jiġri minn hawn għal hemm jiġbor flejjes u għajnuniet biex jilqa' għall-kawża tiegħu; u hekk għamel u tħabat, li fl-aħħarnett fix-xahar ta' Settembru 1675 qala' kitba oħra li kienet tagħtih is-setgħa "esklusiva" fuq is-Santwarju tal-Qabar ta' Kristu.

Din is-serqa ġdida tal-Qabar ta' Ġesù xegħlet għal darb'oħra bil-għadab lill-Insara ta' l-Ewropa. Il-Papa nnifsu kiteb ittri u bagħat ukoll xi patrijiet franġiskani ta' l-Art Imqaddsa għand is-Slaten Insara biex iħeġġuhom jindaħlu u jaqbżu kontra din l-inġustizzja. L-istess Ministru Ġenerali tal-Irhieb Minuri, P. Pier Marinu Sormani, fl-1685 mar hu nnifsu għand is-Sultan Leopoldu I biex iqanqlu jidħol hu nnifsu fil-kwistjoni. U l-gvernijiet ta' l-Ewropa, qishom kollha, bl-ambaxxaturi tagħhom għamlu dak kollu li setgħu mal-Gvern Tork.

Fl-aħħar, il-Gvern Tork, marsus min-nazzjonijiet ewropej fuq il-fruntieri tiegħu, ma setax jibqa' b'rasu iebsa u, mheġġeġ minn Franza allijata tiegħu, qatagħha li jerġa' jara l-qagħda tiegħu fuq il-kwistjoni tas-Santwarji qaddisa tal-Palestina.

Għal dan il-għan waħdieni waqqaf qorti, li fela u stħarreġ sewwa u bil-għaqal id-dokumenti mressqin mill-Irhieb Franġiskani u mill-Griegi Xismatiċi. U bħala għeluq ta' dan ix-xogħol, fl-1690, ġie maħruġ u mxandar *Grman*, li bih il-Franġiskani kienu magħrufin bħala *leġittmi proprijetarji u mogħtijin lura l-jeddijiet qodma tagħhom fuq is-Santwarji tal-Palestina.*

P. NIKOLA MAGRO
O.F.M.

# ID-DIN NISRANI FIL-LVANT NOFSANI

Id-Din Nisrani fil-Lvant Nofsani jiġbor fih qawwa setgħana u leħen f'saħħtu li flimkien ixandru l-Messaġġ ta' Kristu f'dik in-naħa tad-dinja. Il-Knejjes Insara huma dawk tagħna, il-Kattoliċi u ta' l-Ortodossi. Hemm ukoll għadd żgħir ta' għaqdiet Protestanti. Għalhekk il-Lvant Nofsani, iħaddan żewġ familji, jew aħjar żewġ Knejjes kbar li huma, il-Knisja Kattolika u l-Knisja Ortodossa.

Bħalissa, il-Knisja Kattolika fil-Lvant Nofsani għandha ħafna *riti*, jiġifieri bosta ċerimonji u drawwiet, iżda, dawn ma jġibu magħhom ebda tibdil fit-Tagħlim tal-Knisja ta' Pietru. Meta wieħed igħid 'Kattolku' għalhekk, irid jifhem Nisrani tar-rit oċċidentali jew latin, u dawk tar-rit orjentali jew biżantin, koptu, maronita, armen, sirjan u kaldew. Dawn ir-riti kollha minkejja li wieħed mhux bħall-ieħor, b'danakollu għandhom Fidi waħda, u lkoll jagħrfu setgħa waħda li tmexxihom — dik tal-Papa — Isqof ta' Ruma u Suċċessur ta' San Pietru.

Meta mbagħad ingħidu "Ortodossi", nifhmu dawk l-Insara li laqgħu t-Tagħlim Kattolku li tnieda sar-Raba' Konċilju Ekumeniku ta' Kalċidonja li kien sar fis-sena 451 W.K. L-Ortodossi għandhom tista' tgħid l-istess riti bħal tal-Kattoliċi orjentali, iżda, jaħasra, lè ma jagħrfu s-setgħa tal-Papa fuqhom.

Nerġgħu nfehmu l-kelma "*rit*". B'din il-kelma nifhmu l-ġabra ta' drawwiet, liġijiet u jeddijiet li jmexxu l-frieghi tal-Knejjes li semmejna. U dan mhux biss dwar kif għandha ssir il-qima u dwar il-liturġija, iżda wkoll dwar it-tmexxija, id-dixxiplina u l-mentalità reliġjuża.

F'din l-ewwel kitba naraw xi ħaġa dwar il-Knisja Latina, jiġifieri dwar kattoliċi bħalna li f'*kollox* jaqblu magħna — mhux biss fit-Tagħlim kollu, iżda ukoll fir-rit. Bħalissa qiegħed imexxi l-Knisja Latina fil-Lvant Nofsani, il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, Mons. Albertu Gori, O.F.M.

Mela, għalkemm il-Knisja Latina fil-Lvant Nofsani hi l-iżgħar fil-għadd, hi l-aktar waħda għanja u qawwija fil-ħidmiet imlewma tagħha. Hi xbieha ħajja ta' l-Oċċident Nisrani fil-ħafna għamliet tagħha ta' ħidma missjunarja u spiritwali. Ara kemm hu hekk, li tgħaddi 'l Knejjes Kattoliċi l-oħra (ta' riti differenti), u